

**RIŻOLUZZJONI (UE) 2016/1457 TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-28 ta' April 2016**

**li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, Taqsima I — Il-Parlament Ewropew**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, Taqsima I — Il-Parlament Ewropew,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 94, l-Artikolu 98(3) u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A8—0135/2016),
- A. billi fiċ-ċertifikazzjoni tiegħu tal-kontijiet finali tal-2014, l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Parlament iddikjara l-assigurazzjoni raġonevoli tiegħu li l-kontijiet jippreżentaw stampa veritiera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Parlament fl-aspetti materjali kollha, u li l-ebda kwistjoni li tirrikjedi riserva ma tressqet għall-attenzjoni tiegħu,
- B. billi, permezz tal-awditu tagħha, il-Qorti tal-Awdituri kkonkludiet li l-awditu ma identifika l-ebda dgħufija sinifikanti fis-sistemi magħżula u r-rapporti ta' attività annwali tal-istituzzjonijiet u l-entitajiet,
- C. billi, bi qbil mal-proċedura tas-soltu, intbagħat kwestjonarju lill-amministrazzjoni tal-Parlament u t-tweġibiet waslu għand il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u ġew diskussi minnu fil-preżenza tal-Viċi President responsabbli għall-Baġit, tas-Segretarju Ġenerali u tal-Awditur Intern,
- D. billi dejjem hemm lok għal titjib f'termini ta' kwalità, effiċjenza u effikaċja fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, u hemm bżonn ta' skrutinju biex jiġi żgurat li l-amministrazzjoni u t-tmexxija politika tal-Parlament jagħtu rendikont ta' għemilhom liċ-ċittadini tal-Unjoni,

**Il-kontijiet tal-Parlament Ewropew**

1. Jinnota li l-appropriazzjonijiet finali tal-Parlament għall-2014 ammontaw għal EUR 1 755 631 742, jew 20,13 % fl-ambitu tal-intestatura 5 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) allokatu għan-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għall-2014 fit-totalità tagħhom u jirrappreżentaw żieda ta' 0,3 % fuq il-baġit għall-2013 (EUR 1 750 463 939);
2. Jinnota li d-dħul totali li tniżżel fil-kontijiet sal-31 ta' Diċembru 2014 kien ta' EUR 174 436 852 (2013: EUR 158 117 371), inklużi EUR 26 979 032 minn dħul assenjat (2013: EUR 25 991 783);
3. Ifakkar li fl-2014 erba' kapitoli rrappreżentaw 72 % tat-total tal-impenji: il-Kapitolu 10 (Membri tal-istituzzjoni), il-Kapitolu 12 (Uffiċjali u persunal temporanju), il-Kapitolu 20 (Bini u nefqiet relatati) u l-Kapitolu 42 (Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari);
4. Jieħu nota taċ-ċifri li abbażi tagħhom ingħalqu l-kontijiet tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2014, speċifikament:

**(a) Appropriazzjonijiet disponibbli (EUR)**

appropriazzjonijiet għall-2014:	1 755 631 742
riporti mhux awtomatiċi mis-sena finanzjarja 2013:	734 000
riporti awtomatiċi mis-sena finanzjarja 2013:	277 774 604
appropriazzjonijiet li jikkorrispondu għal dħul assenjat għall-2014:	26 979 032
riporti li jikkorrispondu għal dħul assenjat mill-2013:	106 934 452
Total:	2 168 053 830

**(b) Użu tal-appropriazzjonijiet fis-sena finanzjarja 2014 (EUR)**

impenji:	2 138 652 789
pagamenti li saru:	1 742 390 229
appropriazzjonijiet riportati awtomatikament inklużi dawk li ġejjin minn dħul assenjat:	383 988 975
appropriazzjonijiet riportati mhux awtomatikament:	0
appropriazzjonijiet ikkanċellati:	39 918 558

**(c) Dħul tal-baġit (EUR)**

miġbur fl-2014:	174 436 852
-----------------	-------------

**(d) Karta tal-bilanċ totali fil-31 ta' Diċembru 2014 (EUR)**

	1 476 824 398
--	---------------

5. Jinnota li, b'kolloxx, ġew trasferiti EUR 71 500 000 minn intestaturi b'approprazzjonijiet provviżorji u minn sorsi oħra, sabiex jgħinu fil-finanzjament għal pagamenti tal-kera annwali tal-bini Konrad Adenauer f'Lussemburgu u l-estensjoni u l-modernizzazzjoni tiegħu; jirrimarka li dan jammonta għal 4 % tal-appropriazzjonijiet finali għall-2014;

**L-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet għall-2014 u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi**

6. Ifakkar li l-Qorti tal-Awdituri twettaq valutazzjoni speċifika tan-nefqa amministrattiva u nfiq ieħor bħala grupp ta' politiki uniku għall-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni, inkluż il-Parlament Ewropew u li, b'mod ġenerali, l-evidenza mill-awditjar tindika li l-infiq għall-amministrazzjoni mhuwiex affettwat minn livell ta' żball materjali; jieħu nota tal-fatt li l-verifiki tat-tranżazzjonijiet jindikaw li l-livell stmat ta' żball għall-intestatura 5 tal-QFP dwar l-amministrazzjoni huwa ta' 0,5 % (li jirrappreżenta tnaqqis mill-1 % fl-2013);
7. Ifakkar li l-awditu involva eżami ta' kampjun ta' 129 tranżazzjoni ta' pagament, inklużi 92 pagament ta' salarji u pensjonijiet, allowances relatati u spejjeż oħra għall-persunal, 14-il pagament fir-rigward ta' kuntratti relatati ma' bini u 23 pagament marbuta ma' nefqa oħra (enerġija, komunikazzjoni, teknoloġija tal-informazzjoni, eċċ.); jenfasizza li mill-129 tranżazzjoni awditjata, 20 (jew 15,5 %) kienu milquta minn żball; jieħu nota li għal 12-il żball kwantifikabbli, il-livell stmat ta' żball huwa ta' 0,5 %;
8. Jissottolinja r-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri biex il-Parlament Ewropew isaħħaħ il-verifiki tiegħu fuq l-ispejjeż rimborżati mill-partiti politiċi Ewropej lill-organizzazzjonijiet affiljati tagħhom, jiżviluppa regoli xierqa għall-partiti politiċi Ewropej dwar l-akkwist pubbliku, u jissorvelja l-applikazzjoni tagħhom permezz ta' verifiki xierqa u gwida aħjar; jinsisti fuq trasparenza totali rigward in-nefqa min-naħa tal-partiti politiċi Ewropej u li l-kumitat kompetenti jeżamina u jiddiskuti din l-informazzjoni fid-dettall fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza ordinarja;

**Ir-rapport annwali tal-awditur intern**

9. Jinnota li, waqt il-laqgħa tal-kumitat kompetenti mal-awditur intern li saret fil-25 ta' Jannar 2016, l-awditur intern ippreżenta r-rapport annwali tiegħu ffirmat fis-16 ta' Lulju 2015, li fih iddikjara li, fl-2014, huwa wettaq dan ix-xogħol ta' awditjar fuq l-amministrazzjoni tal-Parlament:

— segwitu trasversali għall-azzjonijiet pendenti mir-rapporti ta' awditjar intern — fażijiet I u II ta' xogħlu fl-2014;

— inkarigu konsultattiv dwar il-proċeduri ta' ġestjoni u ta' kontroll interni fid-Direttorat għas-Sostenn għad-Demokrazija (DG EXPO);

— rieżami perjodiku tal-proġett tal-Bini Konrad Adenauer — ara "Fażi 2: stima, rappurtar u kontroll tal-ispejjeż tal-proġett tar-rapport";

— awditjar tal-pagi u l-allowances tranżitorji tal-Membri;

— awditjar tal-proċess tal-għotjiet fid-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (DG COMM);

- awditjar tas-sistemi ta' informazzjoni tal-infrastruttura u l-operazzjonijiet tal-IT — ara "Inkarigu 1 — l-ewwel rapport: ottimizzazzjoni tar-riżorsi u kontinwità tal-IT";
  - awditjar tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Multilingwiżmu, fir-rigward tas-servizzi ta' interpretazzjoni,
10. Jenfasizza li fl-awditjar tiegħu dwar il-proċess tal-għotjiet, l-awditur intern ikkonkluda li hemm lok sinifikanti għal titjib ta' ċerti proċeduri ta' ġestjoni u ta' kontroll, biex b'hekk tingħata aktar assigurazzjoni li l-programm tal-għotjiet jilħaq l-oġettivi tiegħu billi:
- jiġi żgurat li l-programm tal-għotjiet pluriennali jkun allinjat kompletament u jappoġġa bis-sħiħ l-oġettivi fit-tul tal-istrateġija tal-istituzzjoni għall-komunikazzjoni;
  - jiġi żgurat li l-valur miżjud tal-programm huwa mkejjeġ bi strumenti u indikaturi tal-prestazzjoni xierqa;
  - jiġi konklużi ftehimiet ma' għadd aktar limitat ta' sħab strateġiċi li jkunu kapaċi li jipponu pjan ta' azzjoni li jkun ikopri l-perjodu kollu tal-ftehim ta' sħubija;
  - titjeb l-evalwazzjoni tal-proġetti proposti billi tiġi definita metodoloġija komuni għall-valutazzjoni tagħhom mill-kumitati tal-evalwazzjoni kollha;
  - titjeb l-evalwazzjoni finanzjarja u operattiva tal-proġetti mlestija fl-istadju finali tal-pagament, jiġifieri li l-azzjonijiet twettqu f'konformità mal-oġettivi inizjali tagħhom;

#### *Awditjar tal-Qafas ta' Kontroll Intern tal-Parlament*

11. Josserva li fi tmiem l-2014, wara progress sostanzjali, erba' azzjonijiet biss baqgħu ma tlestewx mill-452 azzjoni ta' qafas ta' kontroll intern li kien hemm qbil dwarhom inizjalment; jistieden lill-awditur intern iżomm lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit informat dwar il-progress miksub fir-rigward ta' daww l-azzjonijiet li għad baqa';

#### **Segwitu għar-riżoluzzjoni dwar il-kwittanza 2013**

12. Jieħu nota tat-tweġibiet bil-miktub għar-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-kwittanza għas-sena finanzjarja 2013 <sup>(1)</sup>, mogħtija lill-Kumitat tiegħu għall-Kontroll tal-Baġit fil-15 ta' Ottubru 2015; jilqa' l-preżentazzjoni tas-Segretarju Ġenerali dwar id-diversi mistoqsijiet u talbiet magħmula mill-Parlament fl-imsemmija riżoluzzjoni u l-iskambju ta' fehmiet mal-Membri li segwa;
13. Josserva li kien hemm inkonsistenza bejn id-dati tal-preżentazzjoni tal-abbozz ta' rapport għall-kwittanza tal-Parlament u l-ambitu għat-tressiq ta' mistoqsijiet addizzjonali indirizzati lis-Segretarju Ġenerali;
14. Jikkonstata t-tweġiba tas-Segretarju Ġenerali dwar l-aċċessibiltà tal-applikazzjoni ePetitions għall-Membri u għall-pubbliku ġenerali; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jinforma lill-Parlament bl-eżitu tal-konsultazzjoni tas-Servizz Legali u jivvaluta kemm se tiġi tiswa, f'termini tekniċi u baġitarji, l-espansjoni tal-aċċessibiltà tal-applikazzjoni;
15. Ifakkar li s-servizzi tal-kantins għandhom l-għan li jipprovdu servizzi ta' ristoranti rapidi lill-Membri u lill-persunal; jinsab imħasseb bl-ispazju limitat tal-kantins fil-perjodi meta jikkonkorru ħafna nies, partikolarment matul il-ġimgħat tal-plenarja fi Strasburgu; jilqa' pożittivament id-disponibbiltà tal-ispazju estern il-ġdid li se jtaffi, parzjalment, din is-sitwazzjoni meta t-temp ikun jippermetti; jistieden lill-amministrazzjoni tkompli ttejjeb il-kantin ta' Strasburgu billi tagħmel użu aktar effiċjenti tal-ispazju disponibbli kollu;
16. Jinnota li l-Parlament beda japplika "kuntratti ta' prezz fiss" għas-servizzi tal-forniment tal-ikel; jirrimarka li l-mezzi baġitarji meħtieġa għas-servizzi tal-forniment tal-ikel kienu pjuttost limitati, u jammontaw biss għal 0,23 % tal-baġit annwali; jistenna li l-prezzijiet fiċ-ċentri tal-forniment tal-ikel fil-Parlament jibqgħu stabbli wara ż-żidiet ripetuti u konsiderevoli fil-prezzijiet tal-menujiet offruti;

<sup>(1)</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' April 2015 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċizzjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, Taqsima I — Il-Parlament Ewropew (ĠU L 255, 30.9.2015, p. 3).

17. Josserva l-fatt li l-kuntratti l-ġodda għal attivitajiet ta' forniment tal-ikel fi Brussell, li ġew konklużi fl-2015, m'għadhomx jipprevedu esklużività għal fornitur tal-ikel wieħed; jistenna li ċ-ċentri ż-żgħar tal-forniment tal-ikel ippjanati fi Brussell joperaw b'tali mod u manjiera li jinkludu lill-SMEs u jippromwovu d-diversità fost il-fornituri tal-ikel, bil-għan li jiġi żgurat servizz ta' kwalità bi prezzijiet raġonevoli;
18. Jinnota bi tħassib li, minħabba l-fatt li l-livelli tal-prezzijiet żdiedu, dan wassal għal prezzijiet sfavorevoli inġustifikati, speċjalment għall-assistenti, it-trainees u l-viżitaturi; jenfasizza li ż-żidiet ifissru li l-prezzijiet fil-Parlament bħalissa huma Prattikament ekwivalenti għal dawk tar-ristoranti u tal-barrijiet tal-madwar; jinnota bi tħassib, madankollu, li filwaqt li l-prezzijiet għolew, il-kwalità tal-ikel naqset notevolment;
19. Iqis li bosta ġimgħat riservati għall-attivitajiet esterni kif ukoll tas-sessjoni plenarja jirrappreżentaw perjodi li matulhom il-faċilitajiet tar-ristoranti u tal-kantins ma jkunux qed jintużaw kompletament; jissuġġerixxi li l-ftehimiet mal-fornituri tal-ikel iqisu l-għażla li l-persunal ta' dawn is-servizzi jiġi impjegat band'oħra matul il-ġimgħat meta mhux il-kantins u l-kaffetteriji kollha huma miftuħin;
20. Jistieden lill-amministrazzjoni tevalwa u tipproponi skema ta' prezzijiet li tgħaqqad ir-regoli l-ġodda filwaqt li tiżgura l-possibbiltà ta' skontijiet għat-trainees, b'xelta ta' menù bi prezzijiet raġonevoli;
21. Hu diżappuntat li l-amministrazzjoni mhijiex fil-qagħda li tipprovdi data dwar l-għadd varjabbli ta' ikliet servuti matul il-jiem u l-ġimgħat parlamentari differenti; jistaqsi kif jista' jiġi eżerċitat xi kontroll fuq il-fornituri kuntrattwali jekk informazzjoni bażika bħal din mhijiex disponibbli; jistieden lill-amministrazzjoni tqiegħed il-kuntratt ta' forniment tal-ikel li daħal fis-seħħ fis-26 ta' Settembru 2015 għad-dispożizzjoni tal-kumitat kompetenti u tforni d-dettalji tal-ikliet servuti;
22. Jenfasizza li r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri adottat fil-11 ta' Lulju 2014 jiddikjara li potenzjalment, kieku l-Parlament jiċċentralizza l-attivitajiet tiegħu, jiffranka madwar EUR 114-il miljun fis-sena; itenni l-appell tiegħu lill-Parlament u lill-Kunsill biex jiehdusieb il-bżonn ta' pjan direzzjonali għal sede unika, kif jiddikjara l-Parlament f'bosta riżoluzzjonijiet preċedenti, bil-għan li jiffranka r-riżorsi fit-terminu twil;

#### **Kwittanza għas-sena finanzjarja 2014**

23. Jirrikonoxxi l-kwalità tal-iskambju ta' fehmiet bejn il-Viċi President responsabbli għall-baġit, is-Segretarju Ġenerali u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit fil-preżenza tal-Membru tal-Qorti tal-Awdituri u l-Awditur Intern, fl-4 ta' Frar 2016; jilqa' b'sodisfazzjon id-disponibbiltà tas-Segretarju Ġenerali u jappella għal żieda fil-frekwenza tal-opportunitajiet ta' dibattitu miegħu fi ħdan il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit dwar materji b'impatt fuq il-baġit tal-Parlament;
24. Josserva l-iffirmar tal-ftehim ta' kooperazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) u mal-Kumitat tar-Reġjuni li sar fil-5 ta' Frar 2014; jitlob li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dettaljati speċifiċi dwar il-funzjonament tas-servizzi kondiviżi mit-tliet istituzzjonijiet; jisħaq fuq il-fatt li l-implimentazzjoni tal-ftehim trid tkun ibbilanċjata u ta' ġid għat-tliet istituzzjonijiet b'mod indaq; jitlob li fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-ftehim għandha tkun inkluża valutazzjoni ta' kull istituzzjoni dwar l-impatt li l-ftehim qiegħed iħalli f'termini ta' riżorsi umani, sinerġiji, valur miżjud u sustanza, u jforni analiżi fid-dettall tar-riżorsi ffrankati u/jew taż-żieda fin-nefqa baġitarja li jirriżultaw mill-ftehim, b'attenzjoni partikolari għall-kapitoli li jitttrattaw il-persunal; jitlob li jkompli jiġi informat dwar is-segwitu mogħti lill-ftehim;
25. Ifakkar li massimu ta' 80 uffiċjali mill-KESE u mill-Kumitat tar-Reġjuni (mis-servizz ta' traduzzjoni u mill-assistenti) se jkunu trasferiti fil-Parlament skont dan il-ftehim, u se jaħdmu għas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS) il-ġdid; huwa tal-fehma li tali trasferiment għandu jippermetti li l-produttività interna tal-Parlament tiżdied b'inqas mezz baġitarji ddedikati lill-esternalizzazzjoni ta' studji, valutazzjonijiet jew evalwazzjonijiet; jinnota bi tħassib li, sal-lum, 25 uffiċjal mill-KESE u 24 uffiċjal mill-Kumitat tar-Reġjuni ġew trasferiti fl-EPRS, fil-parti l-kbira tagħhom kienu viċin ħafna l-età tal-irtirar, bir-riżultat li ż-żewġ istituzzjonijiet se jiffrankaw riżorsi sinifikanti fil-kapitoli dwar il-persunal filwaqt li l-baġit tal-Parlament se jiżdied konsiderevolment kemm fi żmien qasir (salarji) kif ukoll fit-tul (pensjonijiet);
26. Jilqa' pozzittivament il-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-fornituri ta' servizzi fil-homepage ta' kull Membru, flimkien mad-dettalji tal-assistenti parlamentari akkreditati (APAs) u tal-assistenti lokali impjegati mill-Membri;

27. Jiddeplora t-trasferiment tar-responsabbiltajiet mill-amministrazzjoni għall-uffiċċji tal-Membri; jappella għal rieżami minn u dwar l-amministrazzjoni li tivverifika liema obbligi (pereżempju r-responsabbiltà ta' assigurazzjoni għat-trainees) jistgħu jingħataw lura lill-amministrazzjoni;
28. Jisħaq fuq il-bżonn li xogħol il-korpi deċiżjonali interni tal-Parlament, partikolarment il-Bureau, isir aktar trasparenti u aċċessibbli; jappella għall-pubblikazzjoni tal-aġendi u tal-minuti tal-laqgħat fl-Internet u biex dawn jintbagħtu lill-Membri sistematikament u fi żmien utli;
29. Jirrimarka li l-piż amministrattiv għall-uffiċċji tal-Membri żdied ukoll f'termini ġenerali u jitlob razzjonalizzazzjoni tal-formoli li għandhom jintużaw għall-proċeduri parlamentari interni, bħar-reklutaġġ ta' assistenti ġodda;
30. Jinnota li wara dewmien konsiderevoli, r-regoli interni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta ġew adottati u daħlu fis-seħħ f'Jannar 2016; jesprimi tħassib dwar in-nuqqas ta' protezzjoni mogħtija lill-informaturi u jistieden lill-Parlament jiżgura li drittijietom jiġu difiżi bis-sħiħ; jistieden lill-Bureau testendi r-regoli interni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta lill-APA u jappella biex il-leġiżlazzjoni nazzjonali ekwivalenti tiġi applikata għall-assistenti lokali;
31. Jitlob kjarifika marbuta mal-forma tal-kooperazzjoni uffiċjali u mhux mal-OLAF għal dak li għandu x'jaqsam mal-kontijiet tal-Membri; jissenjala li almenu f'każ wieħed l-informazzjoni għaddiet għand terzi; iqis dan bħala ksur tal-indipendenza tal-mandati tal-Membri;
32. Jinnota li kien diffiċli li wieħed jiddistingwi kompletament l-attivitajiet politiċi tal-President mit-tnejn tiegħu bħala "Spitzenkandidat" biex imexxi lill-Partit tiegħu fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2014, u li kien diffiċli wkoll li ssir differenzjazzjoni għal "Spitzenkandidaten" oħra; iqis li ma saritx distinzjoni inekwivoka bejn iż-żewġ rwoli; jappella għal segregazzjoni ċara tal-funzjonijiet tal-uffiċċjali fil-kariga mill-kandidaturi għall-kampanji elettorali Ewropej; jiddispijaċih bl-użu indirett, tal-anqas, tal-persunal tal-Parlament sabiex jgħin fil-preparamenti għall-kampanja u jappella għal azzjoni bil-għan li tiżgura li dan ma jerġax jiġri fil-ġejjieni; jiddispijaċih f'dan ir-rigward li l-President ittrasforma l-profil Twitter tal-Presidenza tal-Parlament Ewropew fil-profil personali tiegħu u użah matul il-kampanja;
33. Jinkariga lill-EPRS iwettaq analiżi komparattiva tal-qafas ġuridiku li jirregola l-kompatibbiltajiet tal-kandidati li joħorġu għall-kampanji elettorali fi ħdan organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn kif ukoll fl-Istati Membri (elezzjoni ta' Prim Ministru, ta' Segretarju Ġenerali, ta' Kanċillier, eċċ.);
34. Jinnota li fil-perjodu bejn it-22 ta' Jannar u t-18 ta' April, il-missjonijiet internazzjonali uffiċjali li wettaq il-President kienu fil-biċċa l-kbira tagħhom ma' gvernijiet u rappreżentanzi uffiċjali affiljati ma' partiti u organizzazzjonijiet soċjalisti; jappella għal aktar informazzjoni f'dan ir-rigward;
35. Jitlob aktar informazzjoni dwar il-kampanji ta' kull "Spitzenkandidat", b'mod partikolari jekk dawn kinux akkumpanjati minn uffiċċjali u minn persunal statutorju ieħor mhux bil-leave waqt il-kampanja elettorali; jilqa' pożittivament l-informazzjoni komplementari mogħtija mill-Parlament u jitlob l-istess livell ta' trasparenza mill-kandidati l-oħra;

### **Allowance għan-nefqa ġenerali**

36. Ifakkar li l-allowance għan-nefqa ġenerali hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fl-Istat Membru tal-elezzjoni, bħal pereżempju l-kera tal-uffiċċji tal-Membri, tagħmir, fornituri, dokumentazzjoni jew organizzazzjoni loġistika ta' avvenimenti; jieħu nota li sistema komprensiva ta' kontroll tal-allowance tal-mandat parlamentari tal-Membru kieku tirrappreżenta minn 40 sa 75 post amministrattiv ġdid, li jmur kontra l-iskema ta' tnaqqis tal-persunal;
37. Jappoġġa trasparenza sħiħa fir-rigward tal-allowance għan-nefqa ġenerali sabiex iċ-ċittadini Ewropej ikunu jistgħu jiġu informati dwar in-nefqa ġenerali tal-Membri tal-Parlament Ewropew; iħeġġeġ lill-Bureau jirrevedi l-lista ta' spejjeż li jistgħu jitħallsu mill-allowance għan-nefqa ġenerali;
38. Itenni l-appell għal aktar trasparenza rigward l-allowance għan-nefqa ġenerali għall-Membri; jistieden lill-Bureau jaħdem fuq definizzjoni ta' regoli aktar preċiżi fir-rigward tal-obbligu ta' rendikont tan-nefqa awtorizzata fl-ambitu ta' dan l-allowance, mingħajr ma jiġu ġġenerati spejjeż addizzjonali u piż amministrattiv għall-Membri;
39. Ifakkar lill-Bureau dwar il-ħtieġa urġenti li jsir awditu tal-allowance għan-nefqa ġenerali;

**Il-ġestjoni tal-iskema ta' sussidju għall-gruppi ta' viżitaturi**

40. Jilqa' favorevolment titjib fl-allinjament tas-sussidji tal-Parlament għall-gruppi ta' viżitaturi mal-ispejjeż reali inkorsi f'dan ir-rigward; jinsab inkwetat ferm, madankollu, li din hija l-unika azzjoni kritika identifikata mil-awditur intern tal-Parlament;
41. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-finanzjament għall-gruppi ta' viżitaturi fl-2014, fil-maġġor parti għadu qed jitħallas bi flus kontanti: nefqa ta' EUR 24 593 928,16 fl-2013 tħallset b'dan il-mod: 73,14 % bi flus kontanti u 26,86 % permezz ta' trasferiment bankarju, filwaqt li nefqa ta' EUR 22 281 749,46 fl-2014 tħallset b'dan il-mod: 71,15 % bi flus kontanti u 28,85 % permezz ta' trasferiment bankarju;
42. Jieħu nota tas-sejba tal-Qorti tal-Awdituri fl-analiżi panoramika tagħha tal-ġestjoni finanzjarja tal-baġit tal-Unjoni, jiġifieri li l-prattika li jsiru pagamenti bi flus kontanti għar-rimborż tal-ispejjeż lill-gruppi ta' viżitaturi tqajjem "tħassib b'riskju għoli"; jitlob għalhekk li l-pagamenti bi flus kontanti jiġu limitati kemm jista' jkun meta jsir rimborż tal-ispejjeż għall-gruppi ta' viżitaturi; jindika r-riskju għoli għar-reputazzjoni tal-Parlament u r-riskju sinifikanti għas-sigurtà involuti meta jsiru pagamenti għall-gruppi ta' viżitaturi bi flus kontanti; jirrikonoxxi t-tħassib prattiku u jitlob li ssir valutazzjoni ta' metodi alternattivi u effiċjenti għall-pagamenti qabel l-adozzjoni ta' regoli ġodda dwar l-akkoljenza tal-gruppi ta' viżitaturi;

**Ir-reġistru ta' trasparenza u l-kunflitti ta' interess**

43. Japprezza l-fatt li l-Kummissjoni tat bidu għal proċedura ta' konsultazzjoni pubblika fir-rigward tar-reviżjoni tar-reġistru ta' trasparenza attwali tal-Kummissjoni u tal-Parlament u l-estensjoni tagħha għall-Kunsill; jitlob li immedjatament wara l-konsultazzjoni pubblika jitwaqqaf grupp ta' ħidma interistituzzjonali bil-għan li jipprepara l-proposti dwar ir-reviżjoni tar-reġistru, il-kodiċi ta' kondotta li jmur miegħu kif ukoll il-funzjonament tiegħu;
44. Jappella barra minn hekk għal rapport mill-amministrazzjoni tal-Parlament dwar liema ex diriġenti, uffiċjali kapijiet eżekuttivi, diretturi u membri ta' bordijiet f'diversi NGOs Ewropej rilevanti issa huma Membri tal-Parlament;
45. Jitlob rapport mill-amministrazzjoni tal-Parlament dwar l-użu tal-istabbilimenti tal-Parlament min-naħa tal-gruppi ta' interess u tal-organizzazzjonijiet esterni l-oħra; jistieden lill-Bureau jeżamina l-kompatibbiltà ta' dawn l-avvenimenti max-xogħol parlamentari filwaqt li jiżgura li l-Parlament jibqa' istituzzjoni miftuħa għall-iskambju mas-soċjetà ċivili u għad-dibattitu pubbliku;
46. Ifakkar fl-obbligu tal-Membri li jinformat minnufih lill-amministrazzjoni b'kull bidla fid-dikjarazzjonijiet ta' interessi tagħhom; jiddispaċih li s-CVs u d-dikjarazzjonijiet ta' interessi tal-Membri eletti fl-2014 ittellgħu fis-sit web tal-Parlament tard ħafna;
47. Iħeġġeġ lill-Parlament jadotta regoli sabiex jiżvela kull kontribut li jasallu mil-lobbisti/rappreżentanti ta' interess dwar l-abbozzi ta' politiki, liġijiet u emendi bħala "impronta leġiżlattiva";
48. Jistieden lill-Bureau joħloq il-possibbiltà teknika għal dawk il-Membri li jkun jixtiequ jagħmlu dan biex jipubblikaw il-kalendarji tagħhom fuq il-paġna web uffiċjali tagħhom u b'mod partikolari l-laqgħat tagħhom mal-lobbisti;

**Id-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni u d-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni**

49. Josserva li l-ispejjeż tad-delegazzjonijiet, tal-assemblej parlamentari konġunti, tad-delegazzjonijiet *ad hoc* u tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali barra mill-Unjoni fl-2014 ġew limitati minn EUR 5 794 360 (2013) għal EUR 1 351 212 (2014) b'segwitu għall-osservazzjonijiet li għamel il-Parlament fir-risoluzzjoni tiegħu msemmija qabel għas-sena finanzjarja 2013 u bħala r-riżultat ta' tnaqqis fil-vjaġġi uffiċjali matul il-bidla minn leġiżlatura għall-oħra, meta ma saret l-ebda żjara ta' delegazzjoni għal bosta xhur; jikkritika l-fatt, madankollu, li xi missjonijiet tal-Parlament qamu flejjes kbar, speċjalment għal dak li jirrigwarda destinazzjonijiet imbiegħda; jistenna li tali spejjeż tingħatalhom spjegazzjoni ulterjuri u jitnaqqsu fil-futur qrib u jappella li d-dettalji dwar kemm qamet flus kull missjoni jiġu ppubblikati fir-rapport ta' attività annwali;
50. Jemmen għandu jkun hemm riflessjoni dwar il-mod kif l-istrumenti tal-IT, bħall-vidjokonferenzi, jistgħu jintużaw biex jitnaqqas in-numru ta' żjarat tad-delegazzjonijiet;
51. Jagħmel appell għall-iżvilupp tas-siti web tad-delegazzjonijiet interparlamentari u biex dawn jiġu mgħammra urġentement b'kontenut; jikkunsidra wkoll li hi xi ħaġa essenzjali li, jekk il-baġit ikun jippermetti, il-laqgħat pubbliċi tad-delegazzjonijiet għandhom jiġu trażmessi f'xandira diretta fuq l-Internet, kif isir għal-laqgħat tal-komitati parlamentari;

**Id-Direttorat Ġenerali għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari**

52. Ifakkar li s-servizz ta' riċerka għall-Membri l-ġdid beda bil-għan li jipprovi kapaċità ta' riċerka ddedikata għall-Membri individwali permezz ta' pubblikazzjonijiet ta' informazzjoni dwar il-politiki prinċipali kollha; jindika li fl-ewwel sena sħiħa ta' attività, is-servizz ta' riċerka ġġenera aktar minn 450 pubblikazzjoni, wieġeb 1 675 talba għal riċerka mill-Membri u ttratta 745 talba simili minn klijenti oħra tal-Parlament; jinnota li din il-faċilità tagħti aċċess għal ammont kbir ta' informazzjoni rilevanti li għandha tnaqqas b'mod sinifikanti li wieħed jirrikorri għal għarfien espert estern, u li dan jirrappreżenta ffrankar konsiderevoli; jitlob li kull tgħarrif dwar temi f'oqsma prinċipali jiġi tradott bil-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri;
53. Jitlob definizzjoni aktar ċara tal-kompiti tad-diversi oqsma ta' servizz (is-servizz ta' riċerka, il-valutazzjoni tal-impatt) u li dawn l-oqsma ta' responsabbiltà jiġu mgħarrfa lill-Membri;
54. Jitlob li l-Unità tal-Valutazzjoni tal-Impatt Ex Ante ttejjeb il-viżibbiltà tagħha, permezz ta' l-email, fir-rigward tas-servizzi eċċellenti li ttipprovi lill-Membri tal-Kumitati u r-rapporteurs, kif ukoll għal metodi ta' 'ħidma tagħha; u r-regoli tal-ingaġġ tagħhom permezz tal-posta elettronika; jinkoraġġixxi t-tkomplija ta' sessjonijiet ta' taħriġ għall-konsulenti u l-assistenti tal-Membri; jitlob titjib sostanzjali fir-riżorsi tal-persunal disponibbli f'dan il-qasam, peress li dan se jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex il-Parlament ikun jista' jipparteċipa bħala sieħeb ugwali fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;
55. Jilqa' pożittivament il-fatt li sal-lum ma kien hemm l-ebda lment dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt unilaterali u jstieden lill-unità tkompli tiggarrantixxi n-newtralità f'dan ir-rigward;
56. Iħeġġeġ lid-DĠ EPRS jiddifferenzja ulterjorment il-pubblikazzjonijiet tiegħu mill-pożizzjonijiet uffiċjali tal-Parlament bil-għan li jkun evitat taħwid fil-pubbliku u fil-mezzi ta' komunikazzjoni; japprezza l-introduzzjoni taċ-ċaħda f'kull pubblikazzjoni; jstieden lid-DĠ EPRS jaġmel din iċ-ċaħda aktar viżibbli u mhux biss fil-qoxra ta' wara, u jdaħħal elementi addizzjonali li jippermettu li ssir distinzjoni faċli mill-pożizzjonijiet uffiċjali adottati mill-Parlament;

**Id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni**

57. Jinnota li VoteWatch rċeviet żewġ għotjiet (EUR 149 172 fl-2012 u EUR 350 000 fl-2013) għall-kofinanzjament ta' proġetti speċifiċi marbutin mal-elezzjonijiet Ewropej; jitlob li ssir valutazzjoni tal-valur miżjud ta' dawn il-proġetti;
58. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' riżultati reali mill-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-Parlament, meta jiġi kkunsidrat il-perċentwal dejjem aktar baxx ta' nies li joħorġu jivvotaw fl-elezzjonijiet Ewropej, kif ukoll dwar in-nuqqas ġenerali ta' għarfien fi ħdan is-soċjetà tar-rwol tal-Parlament u tal-attivitajiet tiegħu;
59. Jikkritika l-preżentazzjoni ta' data statistika dwar l-ispjegazzjonijiet tal-vot, l-interventi fil-plenarja, il-mistoqsijiet parlamentari, il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni, il-mistoqsijiet bil-miktub lill-President tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni jew lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà fis-sit web tal-Parlament, li tidher li hija maħsuba biex turi liema Membri tal-Parlament support huma "attivi" fuq pjattaformi bħal MEPRanking; jstieden lill-Parlament jieqaf jipprovi numri mhux ittrattati f'forma statistika u biex jikkunsidra kriterji aktar xierqa biex jidentifika Membru bħala "attiv";
60. Jinnota li d-DĠ COMM qiegħed isemma' ħafna lehn meta jappella għal tnaqqis fl-infiq u li ssir aktar enfasi fuq l-effiċjenza; jappella għal enfasi akbar fuq l-użu effikaċi aktar milli l-użu għali ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT); jinnota li minkejja l-ammonti kbar ta' flus li ntefqu fuq is-sit web tal-Parlament, dan għadu kumpless, diffiċli biex tużah u ma jiġġenerax il-viżibbiltà mixtieqa; jissuġġerixxi rieżami tal-istrateġija tal-marketing; jenfasisza li sit web trasparenti u aċċessibbli huwa fundamentali għall-involvement taċ-ċittadini;
61. Jitlob magna tat-tiftix tas-sit web tal-Parlament ġdida u effiċjenti li ttipprovi kemm ottimizazzjoni b'saħħitha tal-magna tat-tiftix u paġna tar-riżultati tal-magna tat-tiftix kompletament komprensiva, flimkien ma' sforz iddedikat għat-titjib fl-aċċess għas-sit web, permezz ta' rikonoxximent imtejjeb tal-kliem ewlieni użat għat-tiftix; jirrakkomanda kooperazzjoni interistituzzjonali intensa biex jiġu kkollegati l-bażijiet ta' data tas-siti web kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni; jinnota li dan se jiżgura iktar trasparenza tal-attivitajiet tal-Unjoni għaċ-ċittadini kollha;

*Dar l-Istorja Ewropea*

62. Baqa' ddiżappuntat meta sar jaf li x-xogħlijiet fil-Bini Eastman, li se jospita Dar l-Istorja Ewropea, komplew jakkumulaw dewmien; jappella għal pjan ta' komunikazzjoni/proġetti ta' promozzjoni u sit web/pjan ta' marketing li jispjegaw fid-dettall kif Dar l-Istorja Ewropea se tikeseb il-livell ta' impatt mixtieq;
63. Ifakkar li x-xogħlijiet kellhom jitlestew sa tmiem l-2014; jistenna li l-baġit totali li ntlaħaq qbil dwaru inizjalment għall-konstruzzjoni tal-proġett jiġi rrispettat, minkejja d-dewmien, u li l-ewwel wirja tiftaħ fl-aħħar tal-2016;
64. Jappella għal separazzjoni stretta mill-kontenut tal-informazzjoni pprovduta fil-Parlamentarium li diġà jeżisti; iwissi mill-ġdid dwar ir-riskju ta' spejjeż sussegwenti għolja żżejjed, li ma jkun bl-ebda mod proporzjonati mal-ikkummissjonar tal-faċilità;

*Iċ-Ċentru tal-Viżitaturi tal-Parlament Ewropew*

65. Jilqa' l-fatt li l-Parlamentarium huwa wieħed mill-attrazzjonijiet turistiċi li l-aktar jirċievi viżitaturi fi Brussell u li laqa' 340 500 viżitatur fl-2014 (fl-2013 kienu 337 000); jisħaq fuq l-importanza li l-awtoritajiet Belġjani jiġu informati dwar dawn iċ-ċifri u l-benefiċċji li jiġibu magħhom;
66. Jinsab imħasseb li l-linja baġitarja għaċ-Ċentru tal-Viżitaturi tal-Parlament Ewropew żdiedet b'24 % fuq dik tas-sena ta' qabel, meta mqabbla maż-żieda fl-għadd ta' viżitaturi li kienet biss ta' 1 %;
67. Jirakkomanda li l-Istat Membru fejn jiġu stabbiliti l-faċilitajiet tal-Parlamentarium jiffinanzja parzjalment l-istabbiliment u l-ispejjeż operattivi tagħhom;

*Il-Premju LUX*

68. Jinnota li n-nefqa għall-Premju Ċinematografiku LUX, stess fl-2014 kienet tammonta għal EUR 391 506, somma li tirrappreżenta tnaqqis sinifikanti meta mqabbla mas-snin preċedenti (2013: EUR 448 000; 2012: EUR 434 421) u li tkopri l-għażla uffiċjali, il-kompetizzjoni inklużi s-sottotitolat fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE u l-istampar għall-wiri tal-films fit-28 Stat Membru, kif ukoll iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premju; ifakkar li l-għan tar-reklamar u l-promozzjoni tal-Premju Ċinematografiku LUX, flimkien mal-premju Sakharov u mad-drittijiet tan-nisa, huwa li juru l-impenn tal-Parlament favur valuri kunsenswali, bħalma huma d-drittijiet tal-bniedem u s-solidarjetà, kif ukoll l-impenn tiegħu favur id-diversità kulturali u lingwistika; jiddispaċiħ dwar il-fatt li r-riżultat ta' sħarriġ tal-għarfien dwar il-premju LUX u l-impatt tiegħu, li ntalbu fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-2013, għadhom mhumiex disponibbli; jappella biex ir-riżultati ta' dan l-istudju jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku sa nofs Mejju 2016 u biex issir preżentazzjoni uffiċjali tar-riżultati lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni tiegħu;

**Id-Direttorat Ġenerali għall-Persunal**

69. Jieħu nota li, fl-2014, ġew irreklutati 309 uffiċjali u aġenti temporanji oħra fi ħdan is-Segretarjat u 8 aġenti temporanji fil-gruppi politiċi; jieħu nota li, sal-31 ta' Diċembru 2014, b'kollox, 6 040 uffiċjal u aġent temporanju kienu impjegati fil-Parlament (5 295 fis-Segretarjat u 745 fil-gruppi politiċi); jisħaq fuq il-fatt li, għall-2013, dawn iċ-ċifri kienu rrispettivament: 6 105 (totali), 5 308 (Segretarjat) u 797 (gruppi politiċi);
70. Jitlob li r-rekwiżiti ta' kwalifiki għall-persunal ikunu aktar ċari, b'mod partikolari fir-rigward ta' funzjonijiet sensitivi bħal, pereżempju, fis-segretarjati tal-kumitati jew id-dipartiment għal studji tal-impatt *ex ante*; jitlob li jiġu eżaminati mill-ġdid ir-rekwiżiti speċifiċi fir-rigward tan-newtralità ideoloġika u politika tal-persunal; jitlob li l-Parlament jiġi ppreżentat bil-kriterji għall-għażla tal-persunal;
71. Jindika li, fl-2014, il-Parlament irrekluuta 114-il ex membru tal-persunal interim għas-sessjonijiet plenarji ta' Strasburgu bħala aġenti kuntrattwali; jissottolinja li, minnha nnifisha, is-sentenza ta' qorti Franċiża rigward dawn l-"interimaires" ma tistax tiġġustifika d-deċiżjoni li dawn jiġu rreklutati skont ir-regolamenti tal-persunal;
72. Jisħaq fuq il-fatt li, fil-kuntest tar-reviżjoni tal-2014 tar-regolamenti tal-persunal u l-QFP attwali, sal-1 ta' Jannar 2014 kienu tħassru 67 post (66 permanenti u 1 temporanju) mill-pjan ta' stabbiliment sabiex jinkiseb it-tnaqqis ta' 5 % fl-għadd ta' postijiet matul il-perjodu mill-2013 sal-2017, bl-esklużjoni tal-gruppi politiċi;



73. Jindika li ż-żieda fis-sigħat tax-xogħol minn 37,5 għal 40 siegħa fil-ġimgħa skont ir-reviżjoni tar-regolamenti tal-persunal hi ekwivalenti għal aktar minn 350 post żejjed u li virtwalment tikkumpensa għat-tnaqqis fl-għadd tal-persunal ta' 5 % fuq diversi snin li ntlaħaq qbil dwaru bħala parti mir-riforma tar-regolamenti tal-persunal; jappella lill-Parlament biex jippreżenta rapport trasparenti b'indikazzjonijiet annwali tat-tnaqqis ipplanat fil-postijiet u biex, meta jagħmel dan, iqis iż-żieda fil-ħin tax-xogħol;
74. Jinnota li l-proporzjon ta' uffiċjali nisa għadu għoli ħafna u żdied għal 59,2 % fi tmiem l-2014, meta imqabbel ma' dak ta' 58,8 % fi tmiem l-2013; jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' parità fl-amministrazzjoni, fejn 30 % biss mill-kapijiet ta' unità, 34 % biss mid-diretturi u 18,2 % biss mid-diretturi ġenerali huma nisa; jappella biex jiġi introdott programm għall-opportunitajiet indaqs, b'mod partikolari fir-rigward tal-postijiet maniġerjali, bil-għan li dan l-iżbilanċ jiġi kkoreġut mill-aktar fis possibbli; ifakkar li 1 mit-8 diretturi u 9 mill-31 kap ta' unità li ġew irreklutati fl-2014 kienu nisa; hu tal-opinjoni li l-proċedura ta' reklutaġġ għandha tkun ibbilanċjata; itenni l-appell tiegħu għall-ħtieġa li n-nisa jiġu rrappreżentati b'mod aktar ibbilanċjat fil-postijiet maniġerjali superjuri;
75. Jiddispijaċih dwar il-fatt li l-Parlament għadu ma ppubblikax informazzjoni fuq bażi annwali dwar l-uffiċjali superjuri li telqu mill-amministrazzjoni tal-Parlament, kif ukoll lista tal-każijiet potenzjali ta' kunflitti ta' interess li ġew indirizzati, kif rikjest mill-Artikolu 16(4) tar-regolamenti tal-persunal;
76. Jieħu nota tal-fatt li fi tmiem l-2014 kien hemm 1 686 (2013: 1 763) APAs jaħdmu mal-Parlament u 4 453 assistent lokali kellhom kuntratt ta' impjieg ma' Membru;
77. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li l-għadd ta' assistenti lokali impjegati jvarja ħafna bejn Membru u ieħor, varjazzjoni ta' bejn 0 u 46 fl-2014 b'kuntrast mal-varjazzjoni bejn 0 u 43 li kien hemm fl-2013; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li 91 Membru impjegaw aktar minn 10 assistenti fl-2014 b'kuntrast ma' 84 fl-2013;
78. Jilqa' l-fatt li, fis-26 ta' Ottubru 2015, il-Bureau adotta ġabra ġdida ta' regoli għall-ġestjoni tal-allowances għal assistenza parlamentari, b'mod li saħħaħ ir-reqwiziti għar-rimborż tal-kuntratti tal-assistenti lokali, speċifikament billi tiġi alllokata mill-anqas 25 % tal-allowance għal assistenza parlamentari biex tkopri n-nefqa fuq l-assistenti akkreditati;
79. Jinnota li, fi tmiem l-2014, l-assistenti parlamentari akkreditati kienu jikkostitwixxu 26,7 % mill-persunal tal-Parlament; ifakkar li l-kuntratti ta' madwar 1 700 assistent parlamentari akkreditat impjegati matul is-seba' leġiżlatura waslu fi tmiemhom fl-Lulju 2014 u li, qabel tmiem l-2014, tfasslet operazzjoni importanti li twettqet mid-Direttorat Ġenerali għall-Persunal għar-reklutaġġ ta' 1 686 assistent parlamentari akkreditat biex jaħdmu mal-Membri matul it-tmien leġiżlatura;
80. Jenfasizza li l-allowances għas-sussistenza li jirċievu l-assistenti parlamentari akkreditati li jivvjaġġaw lejn Strasburgu huma mill-inqas 21 % aktar baxxi minn dawk li jirċievi persunal ieħor; jiddeplora l-fatt li l-Bureau ma wegħibx għat-talba li għamel il-Parlament fil-paragrafu 74 tar-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2015; jappella għal darba oħra lill-Bureau biex jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkorreġi din l-inugwaljanza u biex l-allowances tal-assistenti parlamentari akkreditati iġibhom konformi ma' dawk ta' persunal ieħor;
81. Jiddeplora l-fatt li l-Bureau ma rnexxielu jieħu l-ebda azzjoni bi twegħiba għall-paragrafu 71 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tad-29 ta' April 2015; jappella lill-Bureau biex, b'urġenza, jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li l-kompożizzjoni tal-kumitat konsultattiv dwar il-fastidju u l-prevenzjoni tiegħu fuq il-post tax-xogħol li hu responsabbli għall-assistenti parlamentari akkreditati tkun ibbilanċjata u li l-kumitat ikun jinkludi mill-inqas żewġ rappreżentanti tal-assistenti parlamentari akkreditati;
82. Jinnota b'sodisfazzjon il-miżuri li ttieħdu biex tiġi organizzata l-ġestjoni tal-kuntratti tal-assistenti parlamentari akkreditati fil-prospettiva tal-bidu tat-tmien leġiżlatura, u b'mod partikolari l-funzjonament bla xkiel tal-applikazzjoni APA People; jikkunsidra li, madankollu, missu ġie assenjat aktar persunal amministrattiv għar-reklutaġġ tal-assistenti parlamentari akkreditati f'ċerti oqsma biex jiġu żgurati aktar ħeffa u effiċjenza; jindika li r-riżorsi umani u dawk tekniċi ma kinux biżżejjed biex jiġu evitati dewmien fl-iffirmar tal-kuntratti għal xi assistenti, interruzzjoni ta' kuntratti, kif ukoll dewmien fil-kalkolu tal-ispejjeż u ta' allowances oħra u għaldaqstant fil-ħlas tas-salarji; jirrikonoxxi madankollu li l-proċess tjeib b'mod sinifikanti meta mqabbel ma' dak tal-2009, filwaqt li jinnota wkoll li heħtieġ li l-Parlament jirsisti fl-isforzi tiegħu biex iżid il-ħeffa u l-effiċjenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ tiegħu;
83. Jappella lis-Segretarju Ġenerali u lill-Bureau biex jeżaminaw u jsolvu l-problemi fir-rigward tal-APAs, bħall pereżempju dewmien fl-iffirmar tal-kuntratti fil-bidu tal-leġiżlatura preżenti, interruzzjoni ta' kuntratti, l-implikazzjonijiet ta' elezzjonijiet bikrin għall-Parlament Ewropew fuq il-perjodi minimi ta' ħlas tal-kontribuzzjonijiet, eċċ., u jappella biex ir-rappreżentanti tal-APAs jiġu involuti fit-tfittxija għal soluzzjonijiet;

84. Jinnota l-progress li sar fl-adattament tal-korsijiet ta' taħriġ għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-assistenti parlamentari akkreditati; jikkunsidra madankollu, li hu essenzjali li jsir progress ulterjuri f'din id-direzzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' taħriġ speċifiku, orarji mfassla speċifikament u l-korsijiet tal-lingwi intensivi, li jiġu organizzati biss fi żminijiet meta l-biċċa l-kbira tal-assistenti parlamentari akkreditati jkollhom jieħdu l-leave annwali tagħhom; jappella biex jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-assistenti parlamentari akkreditati fir-rigward taż-żmien meta jiġu ppjanati l-attivitajiet organizzati biex iżidu l-benesseri fuq il-post tax-xogħol (mindfulness), il-konferenzi ta' nofsinhar, eċċ;
85. Jieħu nota tar-rapport ta' evalwazzjoni dwar l-Istatut għall-Assistenti li sar mill-Parlament u li ġie ppreżentat f'Lulju 2015; jiddeplora l-fatt li r-rapport hu pratikament limitat għal evalwazzjoni tar-riżultati tal-applikazzjoni APA-People u għal indikazzjoni ta' wħud mill-problemi li ltaqgħet magħhom l-amministrazzjoni fl-implimentazzjoni tal-Istatut u r-regoli interni dwar l-implimentazzjoni; juri li mhuwiex sodisfatt u li hu kompletament ma jaqbilx ma' xi ġudizzji valorattivi inklużi fit-tieni parti tar-rapport; iqis għaldaqstant li l-evalwazzjoni mwettqa ma tissodisfax l-oġettivi tagħha ħlief fil-każ tal-applikazzjoni APA-People; jitlob għalhekk lill-Parlament iwettaq evalwazzjoni globali u komprensiva tal-Istatut u tar-regoli dwar l-implimentazzjoni qabel tintemm din is-sena; din l-evalwazzjoni għandha tinkludi wkoll dawk l-aspetti kollha ta' natura ġuridika li joħlqu diffikultajiet, b'mod li jkunu jistgħu jitqiegħdu l-pedamenti għal titjib, adattament u riforma tar-regoli partikolari fil-futur qarib; jitlob ukoll li f'dan il-proċess jiġu inklużi r-rappreżentanti uffiċjali tal-assistenti parlamentari akkreditati, fuq kolloxx minħabba r-rwol tant pożittiv li żvolgħew fl-ewwel revizzjoni;
86. Jitlob biex, f'għieħ it-trasparenza, ir-rapport annwali tal-Parlament ikopri l-attivitajiet organizzati u ffinanzjati mill-Kumitat tal-Persunal mill-baġit tal-istituzzjoni, fejn jiġu speċifikati t-tipi ta' attività, l-ispejjeż li saru u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba;
87. Jitlob li jingħata s-sejbiet tal-valutazzjoni tal-applikazzjoni APA People għar-reklutaġġ tal-assistenti parlamentari akkreditati li għet introdotta fil-bidu tal-leġiżlatura attwali;

#### **Id-Direttorat Ġenerali għall-Infrastruttura u l-Loġistika**

88. Jenfasizza li l-istrateġija immobiljari l-ġdida fuq żmien medju se tinvolvi sforzi biex jinstab bini ġdid li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-Parlament fi ħdan perimetru stabbilit qrib il-binjiet ewlenin; jisħaq fuq il-fatt li l-ippjanar pluriennali għal xogħlijiet ta' rinnovament għandu jiġi bbażat fuq previzzjonijiet realistiki u dettaljati kemm fir-rigward tal-parametri finanzjarji tagħhom u kemm fir-rigward tal-kalendarji għalihom; ifakkar li l-Parlament huwa s-sid ta' 81 % mis-superfiċi kollha li jokkupa u li hemm bżonn li l-ħtiġijiet baġitarji jiġu protetti fil-konfront tal-ispejjeż għar-rinnovament ta' binjiet li qed jiqdiemu f'waħda mill-isfidi ewlenin li se jiffaċċja l-Parlament fis-snin li ġejjin;
89. Jindika li, fit-tliet postijiet tax-xogħol tiegħu, il-Parlament jokkupa bini b'superficije totali ta' 1,1 miljun m<sup>2</sup>; jikkunsidra li hu tal-ogħla importanza li jiġu stabbiliti miżuri li jiżguraw li l-binjiet tal-Parlament jibqgħu sostenibbli fid-dawl tal-ispejjeż ta' manutenzjoni li qegħdin dejjem jogħlew;
90. Jinsisti fuq prudenza assoluta qabel ma jimpenja ruħu għal akkwisti jew kirjiet ġodda u fuq il-ħtieġa li jkun hemm monitoraġġ u aġġustament regolari tal-pjan strateġiku dwar l-akkomodazzjoni; jikkunsidra li l-kunċetti fil-qafas ta' eżekuzzjoni strateġika għandhom jipprovdu wkoll l-oportunità għall-Parlament li jnaqqas il-ħtieġa għal binjiet ġodda, peress li jgħieghel lill-organizzazzjoni tiffoka aktar fuq ir-riżultati u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-persunal; jindika li teknoloġiji u Prattiki faċilment disponibbli, bħat-telexogħol, jistgħu jikkontribwixxu wkoll għal użu iktar effiċjenti tal-ħin u għal Parlament li jirrispetta aktar l-ambjent;
91. Jinnota li, minn Ġunju 2014, madwar 1 000 membru tal-persunal mid-DĠ IPOL, id-DĠ EXPO u d-DĠ EPRS bdew jaħdmu fil-bini Square de Meeûs; ifakkar li dan iċ-ċaqliq kien l-ewwel fażi kruċjali fil-proċess biex aktar spazju jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Membri fil-binjiet ewlenin tal-Parlament; jixtieq li jinżamm informat dwar il-passi li jmiss jieħdu l-Parlament, b'kalendarju konkret għal meta se jitqiegħdu għad-dispożizzjoni l-uffiċċji addizzjonali;
92. Jappella lill-amministrazzjoni biex torganizza faċilitajiet fil-binjiet ewlenin tal-Parlament għall-persunal li jaħdem fil-bini Square De Meeûs, inkluża sala fejn il-Membri jistgħu jikkonsultaw id-dokumenti b'restrizzjoni tal-aċċess;
93. Jiddispaċiħ li għadu ma kienx possibbli li jkun hemm ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Parlament u l-Kummissjoni rigward il-ġestjoni konġunta ta' Djar l-Ewropa; iħeġġeġ liż-żewġ istituzzjonijiet isibu ftehim reċiprokament aċċettabbli li jstabbilixxi qafas għax-xiri jew il-kiri ta' proprjetà u jissempifikaw il-proċeduri amministrattivi u finanzjarji għall-ġestjoni ta' kuljum ta' Djar l-Ewropa; jappella biex, jekk ikun hemm bżonn, tintervjeni l-ġerarkija politika;

94. Iqis li r-rinnovament tal-bini Paul-Henri Spaak, inkluża estensjoni tal-binja u espansjoni tal-swali għas-seminars għall-viżitaturi u l-ispazji għall-uffiċċji għall-Membri tal-Parlament missu ilu li sar; jappoġġa l-ippjanar tal-amministrattazzjoni, iżda jshaq fuq il-fatt li jeħtieġ li jsir abbażi tal-għadd attwali ta' Membri attwali u mhux fuq l-għadd f'każ ta' tkabbir possibbli — u mhux realistiku — tal-Unjoni;
95. Jeżiġi ppjanar konkret u previżjonijiet tal-ispejjeż għax-xogħlijiet ta' rinnovament; iħeġġeġ favur aktar trasparenza u l-parteċipazzjoni tal-Membri individwali fid-deċiżjonijiet li jkollhom influwenza deċiżiva fuq l-aspetti amministrattivi u finanzjarji tal-istituzzjoni; iqis li l-informazzjoni mogħtija u l-ftehimiet minn qabel konklużi fil-livell tal-Konferenza tal-Presidenti u tal-Bureau huma insuffiċjenti; jitlob li d-dokumenti strateġiċi kollha dwar l-organizzazzjoni u l-iżvilupp futur tal-Parlament jitqassmu lill-Membri kollha tiegħu;
96. Jinsab imħasseb dwar il-proposta biex is-servizz tax-xufiera jiġi internalizzat u dwar l-ispejjeż addizzjonali li se jirriżultaw, li se jwasslu għal żieda ta' aktar minn 50 % fl-2017 meta mqabbla mal-2016;

#### **Id-Direttorat Ġenerali għall-Interpretazzjoni u l-Konferenzi u d-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni**

97. Jinnota li l-kalkolu li għamel il-Parlament juri li l-ammont medju ta' sigħat fil-ġimgħa li l-interpreti interni qattgħu fil-kabini tagħhom jagħtu servizzi ta' interpretazzjoni fl-2014 kien ta' 10,7 sigħat fil-ġimgħa; jinnota madankollu li s-sigħat li jqattgħu fil-kabini jirrappreżentaw biss parti mill-ħidma tal-interpreti, li jridu wkoll iħejju l-laqqgħat, jitgħallmu l-lingwi u jmantnu l-livell lingwistiku tagħhom, jibqgħu disponibbli għal li jista' jkun jiġi b'zonnhom il-Parlament, kif ukoll jieħdu taħriġ dwar suġġetti speċifiċi u taħriġ speċjalizzat ieħor; jappella lis-Segretarju Ġenerali biex jipprovi indikaturi li jkejlu l-attivitajiet kollha li jwettqu l-interpreti; jiddeplora l-varjazzjoni fit-twertiq tal-kompiti ta' interpretazzjoni minn interpreti individwali ta' bejn 6 u 16-il siegħa fil-ġimgħa bħala medja annwali, li twassal biex mhux l-interpreti kollha jkollhom l-istess ammont ta' xogħol; jirrikonoxxi li, minħabba l-elezzjonijiet, l-2014 ma kinitx sena tipika fir-rigward tal-volum ta' attività parlamentari;
98. Jinnota bi tħassib li l-metodu ta' kalkolu fir-rigward tal-istatistika ma ġiex iċċarat u jappella lill-amministrattazzjoni biex tikkomunika aħjar il-proċessi tagħha lir-rappreżentanti rilevanti tal-interpreti;
99. Jappella lill-amministrattazzjoni biex teskludi l-leave u l-leave għal mard meta tikkalkula l-għadd medju ta' sigħat li l-interpreti jqattgħu fil-kabina;
100. Itenni l-importanza tal-multilingwiżmu għal-leġittimità demokratika tal-istituzzjoni; jilqa' l-fatt li, bħala riżultat tal-politika dwar multilingwiżmu li jagħmel użu aktar effiċjenti mir-riżorsi li adottat il-Bureau fl-2011 u tar-riformi organizzattivi sussegwenti, ġew iffrankati riżorsi min-nefqa fuq il-linji baġitarji ddedikati għall-interpretazzjoni; jitlob li l-kundizzjonijiet ta' xogħol jinkludu salvagwardji maħsuba biex jiproteġu kemm il-kwalità tal-interpretazzjoni, kif ukoll is-saħħa tal-interpreti, filwaqt li jindirizzaw ukoll il-ħtiġijiet li jirriżultaw minn bidliet fl-andament tal-ħidma parlamentari u minn użu effiċjenti tar-riżorsi; jappella lis-Segretarju Ġenerali biex ikompli bl-isforzi tiegħu f'ħidma mill-qrib mal-interpreti;
101. Jinsisti li, fil-forniment ta' servizz ta' interpretazzjoni, għadu possibbli li jinkisbu żidiet kbar fl-effiċjenza, b'mod speċjali billi tissaħħaħ l-effiċjenza ta' servizz li bħalissa mxekkel minn regoli li ilhom fis-seħħ mill-2005 u li m'għadhomx kompatibbli mal-andament attwali tal-laqqgħat tal-istituzzjoni; jitlob li jsir eżami dwar jekk iż-żidiet fl-effiċjenza jistgħux jinkisbu wkoll fl-unitajiet ta' appoġġ amministrattivi tad-DĠ INTE;
102. Jitlob li jsir rieżami biex jiġi evalwat jekk, anke waqt il-ġranet tax-xogħol ewlenin, hux iggarantit għadd xieraq ta' interpreti interni;
103. Jappella lid-Direttorat Ġenerali għall-Interpretazzjoni u l-Konferenzi biex jieħu l-miżuri maniġerjali kollha meħtieġa biex itejjeb l-għodda informatika u l-appoġġ tekniku għall-interpreti b'mod li jiġu jikkorrispondu ma' dawk tal-Kummissjoni, biex iżid il-produttività f'termini tal-kompiti ta' interpretazzjoni, biex jallinja mill-ġdid l-ammont ta' xogħol ta' interpretazzjoni li jkollhom jagħmlu l-interpreti individwali, biex jiżgura li interpreti interni jkunu preżenti u disponibbli waqt il-ġranet tax-xogħol ewlenin tal-Parlament, filwaqt li jirrispetta kompletament id-drittijiet soċjali tagħhom; jitlob finalment lis-Segretarju Ġenerali jippreżenta kunċett ġdid bl-għan li jkun hemm użu effiċjenti u kosteffikaċi tal-persunal, u dan il-kunċett għandu wkoll jiġi bbażat fuq ftehim mal-interpreti;

104. Hu tal-fehma li titjib fil-forniment tas-servizzi ta' interpretazzjoni, b'mod partikolari flimkien mal-Kummissjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni istituzzjonali, kieku jgħin biex jiżgura li dawn is-servizzi jintużaw b'mod iktar effiċjenti;
105. Huwa mħasseb dwar il-fatt li r-responsabbiltà għall-organizzazzjoni tal-laqgħat u tgħall-ġestjoni tal-konferenzi hija mxerrda madwar diversi DG;

#### **Id-Direttorat Ġenerali għall-Finanzi**

##### *L-aġenzija tal-ivvjaġġar*

106. Jilqa' l-fatt li l-istruzzjonijiet tad-DG FINS lill-aġenzija tal-ivvjaġġar biex tfittex l-aħjar prezzijiet qed jiġu implimentati b'mod effikaċi; jinkoraġġixxi ulterjorment lill-aġenzija tal-ivvjaġġar biex tikkumpara b'mod aktar intensiv u tipprova tilħaq ftehimiet mal-linji tal-ajru ewlenin għal aktar flessibbiltà u prezzijiet aktar ekonomiċi filwaqt li tiżgura l-possibbiltà li l-arranġamenti għal vjaġġi jistgħu jiġu mmodifikati jew jitħassru; jappella lill-aġenzija tal-ivvjaġġar biex tfittex attivament biljetti anqas għaljin meta tagħmel ir-riżervazzjonijiet u biex, b'mod ġenerali, toffri prezzijiet aktar kompetittivi waqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-linji tal-ajru kollha; jappella lid-DG FINS biex ifassal sħarriġ fost l-utenti dwar il-livell ta' sodisfazzjon bis-servizz tal-aġenzija tal-ivvjaġġar sabiex jidentifika l-oqsma ta' titjib ulterjuri;
107. Jieħu nota tad-diffikultajiet biex jiġu ġestiti t-talbiet għal arranġamenti għal vjaġġi ta' istituzzjoni bid-daqs u d-dmirijiet tal-Parlament u l-partikolaritajiet (flessibbiltà, kanċellazzjonijiet tal-aħħar minuta) inerenti għan-natura ta' xogħlu;
108. Jappella lid-DG FINS biex, f'kooperazzjoni mill-qrib mad-DG SAFE u d-DG COMM, jivvaluta mill-ġdid il-pjanijiet ta' kontinġenza għas-sitwazzjonijiet ta' emerġenza biex jindirizza aħjar it-theddid ġdid għas-sigurtà, b'mod partikolari għall-missjonijiet bejn is-siti differenti tal-istituzzjoni;

##### *Fond pensjonistiku volontarju*

109. Jinnota li l-fond pensjonistiku volontarju żied id-defiċit attwarju stmat tiegħu, li jiġi kkalkolat abbażi tal-assi tal-fond, għal EUR 270,3 miljun fi tmiem l-2014 (fl-2013: EUR 207,9 miljun); jisħaq fuq il-fatt li dan iqajjem tħassib dwar it-tberbiq prematur tal-kapital tal-fond;
110. Jindika li l-obbligazzjonijiet futuri ipproġettati tal-fond huma mifruxin fuq bosta deċennji; jappella lill-Bureau biex jikkunsidra alternattivi biex itejjeb il-likwidità tal-fond;
111. Jappella biex ir-riżultati tal-valutazzjoni esterna mitluba mill-Parlament fir-riżoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq dwar il-kwittanza għas-sena finanzjarja 2013 jiġu pprovduti mingħajr dewmien ulterjuri; iqis li l-bord tal-fond pensjonistiku volontarju hu prinċipalment responsabbli għal-livell tad-defiċit tal-fond; jappella biex ikun hemm kunċett uniku għall-fond pensjonistiku privat, b'mod li jitnaqqsu l-obbligazzjonijiet ta' dan il-fond; jappella lill-Bureau biex ifassal proposta għal pjan ta' azzjoni komprensiv biex jindirizza r-responsabbiltajiet tal-Parlament immedjatament wara li jirċievi l-valutazzjoni esterna; iqis li hemm bżonn li jitnaqqsu l-benefiċċji għall-irtirar għall-membri parteċipanti tal-fond;
112. Jappella lill-Bureau biex, malajr kemm jista' jkun, jagħmel valutazzjoni tas-sitwazzjoni attwali tal-fond pensjonistiku;

##### *L-assistenza parlamentari*

113. Jilqa' r-regoli ġodda u aktar stretti li japplikaw għall-assistenti lokali u l-fornituri ta' servizzi; jinnota li wħud mill-punti tar-regoli l-ġodda għadhom vagi u huma sors ta' interpretazzjoni żbaljata; jappella għal kjarifika ulterjuri ta' dawn il-punti, speċjalment fir-rigward tal-attivitajiet sekondarji tal-assistenti lokali u l-fornituri ta' servizzi; jisħaq fuq il-fatt li ż-żewġ gruppi għandhom ikunu taħt skrutinju strett ħafna;
114. Jilqa' l-ħolqien tal-portal elettroniku għall-Membri; jikkunsidra li dan jikkostitwixxi għodda kosteffiċjenti u effikaċi għal rieżami tal-finanzi bi qbil mal-politika li qed isegwi l-Parlament biex jimminimizza l-użu tal-karti; jappella lid-DG FINS biex jippromwovi b'mod attiv l-użu tal-portal fost il-Membri kollha tal-PE;

#### **Id-Direttorat Ġenerali għall-Innovazzjoni u s-Sostenn Teknoloġiku**

115. Jinnota li l-politika tal-Parlament dwar is-sigurtà tal-informazzjoni tirrikjedi strateġija kkoordinata u armonizzata dwar is-sigurtà korporattiva;

116. Jappella għal sistemi għas-sigurtà tal-informazzjoni aktar b'saħħithom biex jipproteġu l-informazzjoni minn aċċess mhux awtorizzat filwaqt li jiżguraw l-iżvelar, kif ukoll jipproteġuha milli titħarbat, tiġi mmodifikata jew tinqed, b'mod li jiġu pprovduti l-integrità, il-kunfidenzjalità u d-disponibbiltà;
117. Jappella biex tinholq sistema ta' twissija bikrija ta' emerġenza li tippermetti li DG ITEC, f'kollaborazzjoni mad-DG SAFE, jibgħat komunikazzjonijiet rapidi permezz ta' SMS jew email lill-Membri u lill-persunal li jagħżlu li jkunu parti minn lista ta' komunikazzjoni ta' dan it-tip li għandha tintuża f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza speċifiċi fil-qasam tas-sigurtà;
118. Jinnota li l-awditu estern tat-teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni twettaq minn parti terza indipendenti kif rikjest matul il-kwintanza tal-2013; jinnota wkoll li l-oġġettiv ta' dan l-awditu kien il-valutazzjoni tal-kapaċitajiet fil-qasam tas-sigurtà tat-teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni tal-Parlament u ta' kemm is-sistemi tiegħu huma potenzjalment esposti għat-theddid ċibernetiku, bil-ħsieb li jiġi żviluppat pjan ta' titjib għas-sigurtà tat-teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni li jinkludi pjan direzzjonali ssuġġerit biex isaħħaħ il-livell tas-sigurtà globali tal-Parlament; jappella biex jiġi adottat regolament dwar iċ-ċibersigurtà li jggarantixxi li l-Parlament ikun jista' jipproteġi s-sistemi ta' informazzjoni tiegħu b'mod effikaċi u jiżgura s-sikurezza u s-sigurtà tal-Membri kontra attakki ċibernetiċi;
119. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-valutazzjoni tal-organizzazzjoni, il-maturità u l-kapaċitajiet ta' sigurtà tat-teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni tal-Parlament, li saret skont l-istandards ISO 27002:2013 u l-aħjar prattiki fil-livell internazzjonali, uriet li l-livell ta' maturità tas-sigurtà organizzattiva hu relattivament dgħajef;
120. Jappella biex regolament isiru simulazzjonijiet ta' kriżi għas-sistemi ta' sigurtà tal-Parlament fil-qasam tat-teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni;
121. Jinnota li l-Bureau adotta politika dwar is-sistemi ta' sigurtà tat-teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni fil-laqgħa tiegħu tas-7 ta' Settembru 2015; jisħaq fuq l-urġenza li tiġi implimentata politika dwar is-sigurtà tat-teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni li tkun konsiderevolment aktar robusta, bi qbil mal-pjan direzzjonali tal-Parlament għal strateġija globali dwar is-sigurtà tal-informazzjoni;

#### **Id-Direttorat Ġenerali għas-Sigurtà u l-Protezzjoni**

122. Jieħu nota tal-fatt li l-internalizzazzjoni tas-servizzi ta' sigurtà tlestiet f'Diċembru 2014 fi Brussell u fl-1 ta' Lulju 2015 fi Strasburgu, b'segwitu għall-adozzjoni ta' kunċett tas-sigurtà globali; jisħaq fuq il-fatt li, minħabba l-kuntest reċenti fil-qasam tas-sigurtà, għandhom jiddaħħlu miżuri ulterjuri fil-qasam tas-sigurtà u għandha ssir reviżjoni urġenti tal-kunċett tas-sigurtà globali kif ġie adottat mill-Bureau fl-2011;
123. Jesprimi tħassib fir-rigward tal-approċċi differenti li hađu l-awtoritajiet ta' Brussell u Strasburgu għas-sigurtà tal-bini parlamentari; jikkunsidra li ħidma mill-qrib mal-awtoritajiet Belġjani, Franċiżi u Lussemburġiżi hi indispensabbli biex jitqawwa l-perimetru ta' sigurtà madwar il-bini tal-Parlament;
124. Jappella biex isir tgħarbil effikaċi tal-membri kollha tal-persunal fil-qasam tas-sigurtà bil-ħsieb li jiġi żgurat li jkollhom id-dispożizzjoni biex jikkompletaw il-kompiti tagħhom kemm f'termini ta' affidabilità u kemm f'termini ta' kompetenza professjonali;
125. Jinsisti biex it-tisħiħ tas-sigurtà tal-bini tal-Parlament u d-dwarijiet immedjati tiegħu jingħata l-ogħla prijorità; jikkunsidra li hemm b'żonn jiġi żgurat tagħmir u kundizzjonijiet ta' xogħol xierqa għall-persunal fil-qasam tas-sigurtà fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali f'dal-qasam;
126. Jappella biex issir reviżjoni tal-miżuri għas-sigurtà tal-bini u biex ikun hemm aktar kontroll fl-entrati tal-parkeġġi tal-Parlament permezz ta' sistema għar-rikonoxximent awtomatiku tal-pjanċi tal-karozzi; jirrikjedi l-implimentazzjoni ta' punt ta' kontroll estern ċentrali biex jikkontrolla lill-fornituri esterni kollha li jidħlu fil-bini tal-Parlament;
127. Ifakkar fl-inċidenti ta' serq li sehew f'uffiċċji ta' Membri tal-PE; jappella lid-DG INLO u lid-DG SAFE biex jiżguraw aktar sigurtà u trasparenza fir-rigward tal-kuntratti u l-persunal ta' manutenzjoni li jkollhom aċċess għall-uffiċċji;
128. Jikkunsidra li hu fundamentali li jkun hemm tgħarbil robust qabel xi ħadd jiġi impjegat, proċeduri vinkolanti li jirregolaw it-tluq tal-persunal, strutturi xierqa għall-ġestjoni tas-sigurtà u taħriġ adegwat dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet;

129. Ifakkar fl-inċident li seħħ fis-7 ta' Ottubru 2014 bl-involvement ta' dimostranti Kurdi; jappella biex issir valutazzjoni komprensiva u kunfidenzjali tas-servizzi ta' sigurtà tal-Parlament; jilqa' l-fatt li, bħala pass inizjali, ġie stabbilit grupp ta' livell għoli magħmul minn rappreżentanti tal-Parlament, il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-istat Belġjan biex isaħħaħ il-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà; jappella għal kooperazzjoni ulterjuri mas-servizzi ta' sigurtà nazżjonali u internazzjonali;
130. Jinsisti li hemm bżonn ta' livelli ta' kooperazzjoni akbar bejn id-DĠ SAFE u d-DĠ ITEC, bil-ħsieb li jiżguraw il-livell xieraq ta' protezzjoni għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-Parlament;
131. Jinnota li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, meta jindirizzaw l-isfidi tal-lum dwar is-sigurtà u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, juru riżorsi segregati, regoli differenti u tipi ta' tagħmir diverġenti, li mhumiex kompatibbli; iqis li din is-sitwazzjoni mhux biss timplika dgħufija fil-ġestjoni ta' riżorsi fi ħdan l-amministrazzjonijiet rispettivi (il-baġit annwali għal infiq relatat mas-sigurtà għall-Kummissjoni u l-Parlament jammonta għal madwar EUR 40 miljun għal kull istituzzjoni, filwaqt li l-Kunsill għandu madwar EUR 15-il miljun u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) għandu aktar minn EUR 5 miljun għas-sigurtà fil-kwartieri ġenerali tagħhom fi Brussell biss), iżda wkoll tista' żżid il-vulnerabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni;
132. Huwa mħasseb dwar l-ambjent ta' sigurtà kurrenti, fejn theddida terroristika gravi testendi madwar l-Ewropa u lil hinn minnha, b'mod partikolari wara l-attakki koordinati fi Brussell u f'Pariġi u l-attakk li kien ippjanat imma ġie mfixkel fuq il-ferrovija Thalys; jitlob li l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni b'mod proattiv jippromwovu kooperazzjoni msaħħa bejniethom, kif ukoll mal-awtoritajiet nazżjonali tal-pajjiżi ospitanti fejn huma bbażati, għandhom uffiċċji jew delegazzjonijiet, jew iwettqu l-kompiti tagħhom;
133. Iħeġġeġ lis-Segretarju Ġenerali, kif ukoll lill-awtoritajiet amministrattivi rispettivi tal-Kummissjoni, tal-Kunsill, tas-SEAE u tal-kumitati parlamentari biex jesploraw il-bażijiet possibbli ta' Politika Komuni Interistituzzjonali ta' Sigurtà, inkluż pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp ta' elementi komuni bħal assi u metodoloġiji għall-valutazzjoni tar-riskji, persunal u mezzi għall-protezzjoni tal-awtoritajiet politiċi u tal-VIP mistednin rispettivi, sillabu tat-taħriġ u riżorsi għall-persunal tas-sigurtà, tagħmir u teknoloġiji ta' kontroll tal-aċċess, iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-komunikazzjoni, kif ukoll il-ġestjoni tar-riżorsi speċjalizzati, li għandhom ikunu f'sinerġija mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi ospitanti tas-siti ewlenin tal-Unjoni, tal-uffiċċji esterni u tad-delegazzjonijiet;

### **Parlament li jirrispetta l-ambjent**

134. Jilqa' s-sejbiet inkoraġġanti tal-awditjar li sar fl-2013 u l-2014 mill-Qorti tal-Awdituri, li ddikjarat li, mill-14-il istituzzjoni Ewropea li awditjat, il-Parlament kellu l-aktar strateġija ambizzjuża biex inaqas l-emissjonijiet tal-karbonju;
135. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-vidjokonferenzi u t-telexogħol jistgħu jgħinu biex jiżguraw li l-ħin jintuża b'mod aktar effiċċjenti f'Parlament li jirrispetta aktar l-ambjent, u fl-istess ħin biex jitnaqsu l-ispejjeż amministrattivi u tal-vjaġġi;
136. Jevidenzja f'dan il-kuntest il-ħtieġa li jiġi implimentat il-prinċipju ta' Akkwist Pubbliku Ekoloġiku għall-kuntratti u s-sejħiet għal offerti kollha; jappella biex jiġu stabbiliti objettivi vinkolanti u ambizzjużi għall-kuntratti ekoloġiċi, b'mod speċifiku fl-oqsma tal-ikel u l-forniment tal-ikel, il-vetturi u t-trasport, it-tagħmir sanitarju u tal-ilma, il-karti, il-ġestjoni tal-iskart, it-tagħmir informatiku u għall-iproċessar ta' immaġnijiet, it-tidwil, it-tindif u l-għamara;

### *L-akkwist pubbliku ekoloġiku u l-EMAS*

137. Jappella lis-Segretarju Ġenerali biex ifassal pjan biex inaqas l-għadd ta' bagolli disponibbli għall-vjaġġi parlamentari; jissuġġerixxi li tiġi introdotta "sistema ta' bagolli fuq talba" jew "sistema għall-kondiviżjoni tal-bagolli", biex b'hekk jiġu jiswew anqas f'termini finanzjarji u tal-impronta tal-karbonju;
138. Jilqa' l-miżuri addizzjonali bħala kumpens għall-emissjonijiet li ma jistgħux jiġu evitati; jappella lill-Parlament biex jiżviluppa politiki ulterjuri ta' kumpens għall-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub>;

**Il-gruppi politiċi (partita baġitarja 4 0 0)**

139. Jinnota li, fl-2014, l-appropriazzjonijiet imdaħħla taħt il-partita baġitarja 4 0 0, attribwita lill-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati, intużaw kif ġej:

Grupp	L-ewwel semestru tal-2014					L-aħħar semestru tal-2014				
	Appropriazzjonijiet annwali	Riżorsi proprji u appropriazzjonijiet riportati (*)	Nefqa	Rata ta' użu tal-appropriazzjonijiet annwali (%)	Ammonti riportati għall-perjodu li jmiss	Appropriazzjonijiet annwali	Riżorsi proprji u appropriazzjonijiet riportati	Nefqa	Rata ta' użu tal-appropriazzjonijiet annwali (%)	Ammonti riportati għall-perjodu li jmiss (2015)
PPE	11 147	7 813	11 311	101	7 649	8 772	7 744	6 485	74	9 960
S&D	7 956	4 619	8 415	106	4 160	7 663	4 194	6 435	84	5 422
ECR	2 128	1 053	2 731	128	450	2 886	457	1 745	60	1 598
ALDE	3 401	1 759	3 644	107	1 516	2 813	1 531	1 847	66	2 498
GUE/NGL	1 374	417	1 519	111	272	2 153	272	1 170	54	1 255
Verts/ALE	2 211	1 388	2 689	122	911	2 081	912	1 707	82	2 146
EFDD	1 229	1 137	1 544	126	822	2 002	827	1 164	58	1 287
Membri mhux affiljati	753	441	715	95	92	1 238	92	566	46	533
<b>Total</b>	<b>30 200</b>	<b>18 626</b>	<b>32 567</b>		<b>15 872</b>	<b>29 608</b>	<b>16 030</b>	<b>21 118</b>		<b>29 442</b>

(\*) l-ammonti kollha qed jiġu espressi f'eluf ta' EUR

**Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej**

140. Jinnota li, fl-2014, l-appropriazzjonijiet imdaħħla taħt il-partita baġitarja 4 0 2 intużaw kif ġej<sup>(1)</sup>:

Partit	Taqkira	Riżorsi proprji (*)	Għotja tal-PE	Dħul totali	Għotja tal-PE bħala % tan-nefqa eleġibbli (massimu 85 %)	Bilanċ favorevoli mid-dħul (trasferiment għar-riżervi) jew telf
Partit Popolari Ewropej	PPE	2 126	9 327	13 605	85	345
Partit Soċjalista Ewropej	PSE	1 083	5 297	7 864	85	78
Partit tal-Alleanza tal-Liberali u d-Demokratiċi għall-Ewropa	ALDE	759	2 813	3 582	85	173
Partit tal-Ħodor Ewropej	PHE	575	1 918	2 493	84	50

(<sup>1</sup>) Sors: PV BUR. 20.10.2014 (PE 538.295/BUR) u PV BUR. 20.10.2014 (PE 538.297/BUR) punt 12.

Partit	Taqkira	Riżorsi proprji (*)	Għotja tal-PE	Dħul totali	Għotja tal-PE bħala % tannefqa eleġibbli (massimu 85 %)	Bilanċ favorevoli mid-dħul (trasferiment għar-riżervi) jew telf
Alleanza tal-Konservattivi u Riformisti Ewropej	AKRE	373	1 943	2 376	85	0
Partit tax-Xellug Ewropew	XE	282	1 219	1 501	85	54
Partit Demokratiku Ewropew	PDE	123	565	730	85	13
Demokratiċi tal-UE	DUE	49	274	340	85	0
Alleanza Ħielsa Ewropea	ALE	126	526	708	85	0
Moviment Politiku Kristjan Ewropew	MPKE	73	388	475	85	4
Alleanza Ewropea għal-Libertà	AEL	93	521	614	84	-3
Alleanza Ewropea tal-Movimenti Nazzjonali	AEMN	117	363	480	85	37
Moviment għal Ewropa ta' Libertazjiet u Demokrazija	MELD	124	635	941	85	5
<b>Total</b>		<b>5 903</b>	<b>25 789</b>	<b>35 709</b>	<b>85</b>	<b>756</b>

(\*) l-ammonti kollha qed jiġu espressi f'eluf ta' EUR

141. Jinnota li, fl-2014, l-appropriazzjonijiet imdaħħla taħt il-partita baġitarja 4 0 3 ntużaw kif ġej<sup>(1)</sup>:

Fondazzjoni	Taqkira	Affiljata mal-partit	Riżorsi proprji (*)	Għotja tal-PE	Dħul totali	Għotja tal-PE bħala % tannefqa eleġibbli (massimu 85 %)
Ċentru għall-Istudji Ewropej Wilfried Martens	ĊSEWM	EPP	831	4 203	5 034	85
Fondazzjoni għall-Istudji Progressivi Ewropej	FEPS	PSE	636	3 087	3 723	85
Forum Liberali Ewropew	FLE	ALDE	169	941	1 110	85

<sup>(1)</sup> Sors: PV BUR. 20.10.2014 (PE 538.295/BUR) u PV BUR. 20.10.2014 (PE 538.297/BUR) punt 12.



Fondazzjoni	Taqisira	Affiljata mal-partit	Riżorsi proprji (*)	Għotja tal-PE	Dħul totali	Għotja tal-PE bħala % tannefqa eleġibbli (massimu 85 %)
Fondazzjoni Ħadra Ewropea	FHE	PHE	174	914	1 088	85
Nittrasformaw l-Ewropa	NE	XE	111	587	698	85
Istitut tad-Demokratiċi Ewropej	IDE	PDE	43	265	308	85
Ċentru Maurits Coppieters	ĊMC	ALE	48	216	264	85
Direzzjoni Ġdida — Fondazzjoni għar-Riforma Ewropea	DĠ	AKRE	195	915	1 110	85
Fondazzjoni Ewropea għal-Libertà	FEL	AEL	45	244	289	85
Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Interstatali Ewropea	OKIE	DUE	21	135	156	85
Fondazzjoni Politika Kristjana għall-Ewropa	FPNE	MPKE	37	187	224	85
Fondazzjoni għal Ewropa ta' Libertajiet u Demokrazija	FELD	MELD	62	271	333	85
Identitajiet u Tradizzjonijiet Ewropej	ITE	AEMN	42	174	216	85
<b>Total</b>			<b>2 414</b>	<b>12 139</b>	<b>14 553</b>	<b>85</b>

(\*) L-ammonti kollha qed jiġu espressi f'eluf ta' EUR.